Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Rikors Numru. 1170/1997/1

Antonia sive Antoinette Zammit
vs
Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod partikolari fi jew ghall-habta tal-1993, hija garrbet ingustizzja billi ma thallietx tibqa’ tahdem bhala *telephone operator* u, minnflok, intbaghtet tahdem f’postijiet li kienu ta’ hsara u periklu gravi ghal sahhitha;

Illi, fil-qosor, il-fatti tal-kaz kienu kif ser jinghad:

Illi hija dahlet tahdem mal-Bank intimat fi Frar tal-1987, bhala *charwoman*, imma, minhabba l-istat ta’ sahhitha, kienet inghatat, kwazi sa mill-bidu, xoghol ta’ klerikali u ta’ telephone operator. Hija kienet dejjem tahdem

f'Tagliaferrro Centre, biex ma tkunx 'il boghod mid-dar taghha. Ghal sitt snin shah wettqet b'diligenza u regolarita` x-xoghol moghti lilha, u qatt ma tat lok ghal xi rapporti negattivi fil-konfront taghha mis-superjuri taghha;

Illi, minbarra l-istat prekarju ta' sahhitha, r-rikorrenti hija *single parent* u trid tlahhaq mar-respnsabbiltajiet tat-trobbija ta' tifla;

Illi l-ghemil ingust li dwaru qeghda tilmenta r-rikorrenti sehh fid-Dipartiment tal-Personnel tal-Bank fil-Belt Valletta, meta r-rikorrenti marret tkellem lis-Sur Alfred Pace biex titolbu jaccetta li tidhol kwarta tard ghax-xoghol filghodu, u l-hin nieqes jitnaqqsilha mil-leave entitlement, taghha, u dan sabiex tkun tista' twassal lil bintha l-iskola;

Illi f'dik l-okkazjoni, l-Assistant General Manager inkarigat mir-Rizorsi Umani tal-Bank, is-Sur Hubert Caruana, hareg jghajjat mar-rikorrenti u insista li kellha taghmel xoghol ta' fattiga. Fil-fatt, immedjatament wara din il-laqgha, ir-rikorrenti ma thallietx tahdem izjed bhala telephone operator. Hija ntbaghtet go kamra ckejkna, bla ventilazzjoni u minghajr ma nghatat xoghol. Fi ftit zmien, sahhitha marret ghall-aghar, u minkejja dan, il-Bank intimat irrifjuta li jerga' jaghtiha xoghol li kien adattat ghall-qaghda medika taghha, kif kellu jigi muri ahjar waqt is-smiegh tal-kaz;

Illi, fil-fatt, ir-rikorrenti kienet mardet u giet certifikat minn Bord Mediku mahtur mill-istess Bank intimat li ma tistax tahdem f'ambjenti bit-trab jew esposti ghall-irwejjah ta' kimiki. Minkejja dan, il-Bank intimat baqa' jinsisti li m'ghandux xoghol iehor x'jaghtiha hlief bhala fattiga. Ir-rikorrenti spiccat baqghet marida u l-Bank intimat temmilha l-impieg taghha f'Ottubru, 1994;

Illi r-rikorrenti irriteniet li l-mod ingust li l-Bank intimat mexa maghha ikkawzalha hsara u dannu permanenti, minbarra li holoq tbatija lilha u lil bintha. Ir-rikorrenti llum il-gurnata qeghda tghix bl-Assistenza Socjali;

Illi r-rikorrenti, in sostenn tal-ilment taghha, kien bi hsiebha tressaq ix-xiehda msemmija fil-lista mehmuza mar-rikors, u indikat ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti marbuta mal-kaz li hija xtaqet tistabbilixxi permezz taghhom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar l-ilment taghha skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jinghata rimedju lilha billi l-Bank intimat jigi ordnat:

1. jaghti l-impieg lura lir-rikorrenti, u dan minghajr interruzzjoni b’effett mit-8 t’Ottubru, 1994, bil-kundizzjonijiet l-ohrajn kollha li kienet tgawdi u f’ambjent li ma jaghmilx hsara lil sahhitha;

2. jew, f’kaz li tali rimedju ma jistax jinghatalha, jigi ordnat ihallasha kumpens ammontanti ghal hamest elef lira jew dak l-ammont iehor verjuri li l-istess Tribunal joghgbu jiffissa, sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsara li r-rikorrenti garrbet kif premess.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

1. It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi mhux minnu li r-rikorrenti giet esposta ghal xi trattament hazin kif minnha allegat.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kien wiehed dettat mic-cirkostanzi tal-mument u minn rizultat ta’ Bord Mediku u dan in linea mal-kundizzjonijiet tal-ingagg assunti mill-istess rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn qalet li dahlet tahdem mal-Bank of Valletta fi Frar 1987 fil-grad ta’ Charwoman I imma bi dmirijiet ta’ telephone operator u b’xoghol ta’ filing. Qalet li meta dahlet mal-Bank intbaghtet Tagliaferro Centre. Spjegat li meta dahlet mal-Bank kellha kundizzjoni medika li biha l-ghabra u t-trab kienu jaghmlulha hazin. Ziedet tghid li kompliet taghmel dan ix-xoghol li nghatalha mal-Bank ghal madwar sitt snin u dejjem wettqet xoghla sew. Qalet li kif ghalaq il-kuntratt tas-Sur Thomas konsulent mal-Bank li kienet tahdem mieghu giet mill-ewwel mibghuta tahdem fit-tielet sular tac-Centru Tagliaferro taht ir-responsabilita` ta’ Lino Decelis bl-istess dmirjiet ta’ telephone operator. Semmiet li dak iz-zmien it-tifla taghha kellha hames snin u kienet bdiet tattendi l-iskola. Ghalhekk kienet marret tkellem lis-Sur Pace tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani biex titolbu xi rrangar fil-hin. Qalet li kien hareg f’dak il-hin Hubert Caruana mill-ufficcju u nsista li jekk ma riditx titlef ix-xoghol riedet tahdem bhala charwoman u zied ighid ‘mhux ghax int laburista taghmel li trid.’ Qalet li meta marret lura fil-post tax-xoghol taghha sabet li kienu gja nghataw struzzjonijiet li l-iskrivanija taghha u l-magna tal-pbx jitnehhew minn fejn kienu ilhom snin shah u baghtuha go kamra zghira mudlama ma taghmel xejn u kulltant iqabbduha taghmel xoghol ta’ tindif u tfarfir. Qalet li bdiet tbati minn depressjoni u tgharriq tal-qaghda fizika taghha. Ziedet tghid li f’Ottubru 1993 dehret quddiem bord mediku li ghalkemm l-istess Bord iddikjara li x-xoghol fit-trab ecc. kien hazin ghal sahhitha, xorta rceviet ittra fis-16 ta’ Novembru 1993 mibghuta minn Hubert Caruana li kienet tghid li l-uniku xoghol li l-bank seta’ jaghtiha kien ta’ hassiela. Spjegat li hi baqghet bil-leave tal-mard ghal xhur shah sakemm irceviet ittra fejn giet mgharrfa li l-Bank kien temmilha l-impjieg.

In kontro ezami qalet li hi kienet applikat ghal charwoman mal-Bank u kienet kellmet lil Dennis Sammut u qalilha li hi kienet ser taghmel xoghol ta’ operator izda bil-paga ta’ charwoman. Spjegat li Dennis Sammut kien Direttur tal-Bank izda kkonfermat li kien kandidat laburista fuq id-distrett li jikkomprendi l-Gzira. Qalet li hi kellha ittra bil-miktub minghand Denis Sammut propju fuq dan il-ftehim li kellha tidhol fil-grad ta’ charwoman li pprezentat lill-Managers tal-Bank dak iz-zmien. Qalet li sakemm damet il-Bank qatt ma hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta’ telephone operator u ghalhekk ma setghetx tapplika. Ziedet tghid li kienet ilha tbati minn din l-allergija mill-1985. Hi kienet applikat u accettat il-grad ta’ charwoman mal-Bank izda taghmel xoghol ta’ telephone operator ghax ippreferiet milli tibqa’ minghajr xoghol. Qalet li kienu johorgu l-applikazzjonijiet biex hi tkun tista’ toghla fil-grad izda mbaghad l-ezamijiet ma sarux.

Xehed <u>Lino Decelis</u> Assistant General Manager fil-Financial Markets Division. Qal li jiftakar li xi ghaxar snin qabel xehed ir-rikorrenti kienet tahdem il-B.O.V. ghal xi xhur bhala telephone operator. Qal li r-rikorrenti kienet impjegata bhala charwoman izda kienet taghmel xoghol ta’ telephone operator.

Xehed <u>Irene Borg</u> li qalet tiftakar li kienet tahdem flimkien mar-rikorrenti fid-Data Centre, Sliema. Qalet li r-rikorrenti kienet charwoman u kienet taghmel xoghol ta’ telephone operator.

Xehdet <u>Marthese Johnson</u> oht ir-rikorrenti li qalet li taf li r-rikorrenti kienet tahdem bhala telephone operator il-B.O.V. u taf li kienet ghal qalbha. Qalet li taf ukoll li wara li kienet inghatat trasferiment bhala cleaner kienet qed thossha stressata hafna anke peress li hi kienet tbati minn certu allergiji. Qalet li kienu baqghu ma rrangawlhiex is-sitwazzjoni taghha mal-Bank.

Xehed <u>Charles Alamango</u> Manager mal-B.O.V. li qal li ghall-habta tal-1988/1989 hu kien Manager Tagliaferro Centre fejn dam madwar tmien snin. Qal li meta kienet marret maghhom ir-rikorrenti kienet qalet mill-bidu li kellha

allergija ghat-trab u ghalhekk tefghuha tahdem xoghol ta' telephone operator u damet taghmel dan sakemm telaq hu sa Jananr 1991. Fil-fatt qal li kienu cemplulu mill-Head Office u rreferewh ghal dan it-tip ta' xoghol fir-rigward ta' Antonia Zammit. Zied ighid li min-naha tal-Bank kienu talbuha taghmel xoghol ta' charwoman u hi kienet bdiet taghmel ftit dan ix-xoghol izda wara li lmentat li kien qed jaghmlilha l-hsara fil-gilda kienu rcevew struzzjoni biex tibda taghmel xoghol ta' Telephone Operator.

Xehed <u>Dr. Mario Scerri</u> li qal kien hemm zmien meta kien jikkura r-rikorrenti ghax kienet qabditha depressjoni. Qalet li hi kienet spjegat kif giet downgraded mal-Bank u bdiet thossha depressa hafna u ghalhekk hu kien taha xi pilloli. Qal li r-rikorrenti kellha depressjoni reattiva ghax dejjem kienet issemmi l-problemi li kellha l-Bank. Qal li dak iz-zmien li kienet depressa r-rikorrenti kienet tmur ghandu taghmel visti ta' spiss izda mbaghad meta ma baqghetx il-Bank ma kenitx kellmitu iktar dwar depressjoni. Qal li kien jaf ukoll li r-rikorrenti kienet tbati minn sinusitis li hi allergija.

Xehed <u>Alfred Pace</u> li esebixxa dokument a fol 57 li hi l-letter of appointment tar-rikorrenti ffirmata minn Dennis Sammut li tghid li hi giet impjegata bhala charwoman. Esebixxa wkoll dokument a fol 58 fejn ir-rikorrenti kienet giet infurmata li ma kienx hemm iktar postijiet ghal Telephone Operator. Esebixxa dokument a fol 59 fejn ir-rikorrenti tidher li qeghda bhala charwoman id-data centre. Esebixxa wkoll dokument a fol 60 li hi n-notice of announcement of employment fejn tidher bhala charwoman I. Esebixxa dokument a fol 61 li hu formola li ntbaghtet lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali fejn hi tidher fil-grad ta' charwoman I. Spjega li l-gradi ta' charwoman u ta' telephone operator huma totalment differenti. Ir-rikorrenti kienet daqqa taghmel xoghol ta' charwoman kif ukoll ta' telephone operator kif kien tollerat mis-superjuri taghha. Qal li fil-grad ta' telephone operator diga kien hemm hafna ghax kienu dahlu xi nies irregolari. Zied ighid li hi dahlet ufficjalment bhala charwoman izda xi hadd irrangalha biex tahdem ta' telephone operator ghax dan mhux soltu jsir. Qal li hu kien kellimha kemm-il darba

biex jghidilha li din is-sitwazzjoni kienet ilha sejra wisq u wara li tqabbdet taghmel xoghol ta’ charwoman bdiet sick-leave fit-tul hafna sakemm hadet is-sick leave kollu. Wara li dan ikun ezawrit jigi terminat l-impjieg. Wara li ra d-dokumentazzjoni qal li jirrizulta li r-rikorrenti kienet giet impjegata mal-bank b’mod irregolari. Semma li wara l-elezzjoni tal-1987 il-Bank kien qabbad l-internal auditor biex issir ispezzjoni u kien irrizulta li xi whud ma kienux dahlu skond il-ligi jigifieri permezz ta’ sejha ghall-applikazzjoni jew mil-Labour Office. Qal li isem ir-rikorrenti jidher fost dawn in-nies mill-ETC form. Qal li r-rikorrenti kienet telqet mill-Bank fl-1994 izda l-impjieg taghha kien gie regolarizzat permezz tar-ri-organizazzjoni fl-1992.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kienet dahlet b’ mod irregolari mal-bank u skond il-letter of appointment ma’ Tagliaferro Centre Limited datata 7 ta’ Jannar 1987 hi kienet giet deskritta bhala charwoman. Anke a fol 59 fl-awtorizzazzjoni ghal tnaqqis tal-misati tal-General Workers’ Union mill-paga hija mnizzla bhala charwoman. Fin-notice of commencement of employment a fol 60 hi indikata hala charwoman I kif ukoll fil-workbook engagement form a fol 61. A fol 62 fil-formola tat-termination of employment hi indikata wkoll bhala charwoman, u hawnhekk bilfors li t-Tribunal jikkummenta li ghalkemm il-kaz tar-rikorrenti huwa wiehed pjetuz xorta wahda jibqa’ li l-impjieg taghha kien wiehed ta’ charwoman u mhux ta’ telephone operator kif ippretendiet spiss ir-rikorrenti.

Jinghad ukoll li t-talba tar-rikorrenti ghal re-instatement hi wahda minghajr bazi legali minhabba l-fatt li meta hi mardet kienet giet moghtija l-leave u s-sick leave kollu li kienet intitolata ghalih u li ghalhekk ma saret ebda ingustizzja fil-konfront taghha meta l-bank ittermina l-impjieg tar-rikorrenti.

Irrizulta wkoll li l-impjieg tar-rikorrenti mal-bank kien wiehed ta’ natura irregolari meta ma sarx skond kif provvdut fil-Kostituzzjoni u l-provvediment dwar l-impjiegi.

Ir-rikorrenti ma kenitx giet ingaggjata tramite l-Labour Office izda jirrizulta li fil-fatt li meta r-rikorrenti kienet telqet mill-bank fl-1994 il-pozizzjoni taghha kienet giet regolarizzata.

Il-fatt li r-rikorrenti ghamlet zmien taghmel ix-xoghol ta' telephone operator minflok dak ta' charwoman ma jintitolahiex ghal xi promozzjoni ghax kienet effettivament ghazla taghha li talbet biex taghmel dan ix-xoghol biex tevita trabijiet li kienu jaghmlulha hsara. Li dan kollu jwassal li fil-konfront tar-rikorrenti l-bank intimat ma kkommetta ebda ingustizzja u ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess bank.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------